Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 2023/1996/1

**Nicholas sive Lino Debono u ibnu Francis Debono**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma,**
**il-Perit Philip Grech bhala Direttur tad-Dranagg**
**fil-Ministeru ta' l-Ambjent,**
**u l-Onoveroli Dr. Francis Zammit Dimech**
**bhala Ministru ta' l-Ambjent**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma proprjetarji tal-fondi msejjha “Cypress”, “St. Francis”, “St. David” u tmien garagijiet fi Triq Sant Antnin, Wied il-Ghajn; illi s-sistema tad-dranagg tal-gvern, kif ukoll dik tad-distribuzzjoni tal-ilma, tal-Korporazzjoni tal-Ilma, fi Triq l-Iskal u/jew fi Triq Gebel Hanxul u/jew fil-vicinanzi qed inixxu u jcarcru b’mod kostanti u fi kwantità konsiderevoli ghal go l-istess fondi, fuq indikati, djar ta’ abitazzjoni u garagijiet; illi l-ilma b’riha nsopportabbli li qed jinzel fil-propjetà tal-atturi qed ipoggi lilhom, lill-familjari taghhom u lill-inkwilini li jikru minghandhom, kif ukoll lill-pubbliku in generali, f’periklu ghal sahhithom; illi l-istess qed jikkawza hsarat enormi fil-propjetà tal-atturi kemm fl-immobbli u kif ukoll fil-mobbli li jinsabu fl-istess immobbli, kif ukoll lill-mobbilja u merkanzija ohra ta’ terzi persuni inkwilini tal-garagijiet; illi dina s-sitwazzjoni ilha tezisti ghal zmien twil bizzejjed (ara l-Protest tal-21 ta’ Mejju 1996), fejn kienet ingibdet l-attenzjoni tal-konvenuti u l-ufficjali taghhom li baqghu <u>inadempjenti</u> u hallew il-hsara tal-attur tikber aktar, minkejja l-fatt li d-difetti fis-sistema kienu digà hargu u kkawzaw danni lill-atturi sa minn Lulju tal-1992, kif kien gie rilevat fil-kawza Nru. 778/92, li giet ceduta wara transazzjoni; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. issib lill-konvenuti responsabbli tal-hsarat li sofrew u ghadhom isofru u jistghu jibqghu isofru l-atturi, kif premess; 2. tikkundanna lill-konvenuti jaghmlu t-tiswijiet necessarji kollha fis-sistema tad-dranagg fi Triq l-Iskal u/jew Triq Gebel Hanxul u/jew fl-inhawi vicini f’Wied il-Ghajn, sabiex jieqaf l-iskular u t-tnixxija tal-ilma minnha li qed jikkawza l-hsara lill-atturi; 3. tillikwida d-danni sofferti mll-atturi okkorrendo permezz ta’ periti nominandi u tikkundannahom ihallsu l-istess lill-atturi; 4. tikkundanna lill-atturi (*sic*) jaghmlu t-tiswijiet kollha mehtiega fil-garagijiet, fid-‘driveway’, fil-bir u fil-gnien fl-immobbli fuq imsemmija fi zmien qasir u perentorju u taht is-sorveljanza tal-Perit nominat mill-Qorti, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-istess tiswijiet, a spejjez tal-konvenuti; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-21 ta’ Mejju 1996, u dawk konnessi mal-kaz, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma illi permezz taghha eccepiet:
1. Illi l-istess Korporazzjoni mhix responsabbli tal-hsara li allegatament sofrew, qeghdin isofru, u jistghu isofru l-atturi;
2. Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, it-tieni talba kontenuta fic-citazzjoni ma tistax tigi akkolta fil-konfront ta’ l-istess Korporazzjoni;
3. Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici, fil-konfront tal-Korporazzjoni eccipjenti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, guramentata minn Anthony J. Bonello, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Onorevoli Dr Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent u l-Agent Direttur tad-Drenagg illi permezz taghha eccipew:
1. Illi preliminarjament l-konvenut l-Onorevoli Dr Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent gie mharrek inutilment u ghandu jigi f’dan l-istadju liberat mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-artikolu 181(B) tal-Kap 12;
2. Illi inoltre u bla pregudizzju tal-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana minhabba li l-hsarat u danni gejjin mill-komunikazzjoni difettuza li hemm fil-bini ta’ sid il-fond li ghandu r-restaurant bieb ma’ bieb mal-istess atturi;
3. Illi ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza sid il-fond li ghandu r-restaurant bieb ma’ bieb mal-proprjetà tal-atturi;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra;
5. Illi huma m’ghandhomx ibatu spejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti l-Onorevoli Ministru tal-Ambjent u l-Agent Direttur tad-Drenagg, guramentata minn dan ta’ l-ahhar, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-hamsa (5) ta’ Lulju, 2000 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
“… tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-Onor. Dr . Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba’ talbiet ta’ l-atturi, tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-atturi, u
(1) tiddikjara lill-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u lid-Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru ta’ l-Ambjent responsabbli tal-hsarat li sofrew l-atturi;

(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm5649.92, u

(3) tikkundannahom ihallsu lill-atturi din is-somma ta’ Lm5649.92, bl-imghax millum.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru tal-Ambjent”,
u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Jigi qabel xejn rilevat li l-Qorti kellha f’idejha u bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq process li fil-maggor parti tieghu gie rikostruwit.

“Din il-kawza tirrigwarda inondazzjoni ta’ proprjetà ta’ l-atturi f’M’Scala minn ilma kontaminat bid-drenagg. Din il-proprjetà tinsab fuq Triq Sant’ Antnin kantuniera ma’ Triq Gebel Hanxul li hija telgha u li f’nofsha taqsam Triq l-Iskal li tigi parallela ma’ Triq Sant’ Antnin izda li tinsab f’livell ferm oghla minn Triq Sant’ Antnin. L-inondazzjoni nvadiet diversi garages, id-dar ta’ residenza taghhom li jisimha ‘Cypress’ u zewg fondi ohra li jisimhom ‘Francis’ u ‘David’.

“Fir-relazzjoni tieghu l-espert arkitett jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:
*Omissis*
“Fil-fehma tal-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha li tressqu u l-konstatazzjonijiet maghmula mill-perit tekniku ssib li l-istess perit ghamel apprezzament tajjeb u gust ta’ l-istess provi u ma tara l-ebda raguni biex ma takkoljix il-konkluzjonijiet tieghu. Ghalhekk il-

Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Dipartiment tad-Drenagg ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi.

“Hawn il-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li tikkontjeni diversi kummenti li fil-fehma tal-Qorti huma frivoli u irrizorji:

“L-asserzjoni li l-perit tekniku ecceda l-limiti ta’ l-inkarigu ghax issottometta opinjoni dwar ir-responsabbiltà ghall-hsara u d-danni hija inaccettablli peress li l-kummenti tal-perit tekniku f’dar-rigward jisubentraw fl-apprezzament tekniku tal-provi. Fi kwalunkwe kaz il-provi u l-pretensjonijiet ta’ l-atturi dwar danni ma jinsabu kontradetti bl-ebda mod. Inoltre r-referenza ghal dak li gie dikjarat minn Dr. Thomas Abela fis-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 1996 quddiem l-assistenta gudizzjarja (u li ghaliha kien prezenti Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni konvenuta) ma giet b’ebda mod kontestata fl-istess seduta, indikazzjoni cara li l-istess Korporazzjoni ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-perit tekniku jghmel l-konstatazzjoni u l-valutazzjoni mehtiega.

“Il-Korporazzjoni taghmel referenza ghall-Artikolu 21 tal-Kap 355. Fil-fehma tal-Qorti l-Korporazzjoni ma tistax tistahba taht is-salvagwardi ta’ l-imsemmi artikolu. L-ewwel nett, kif tajjeb issottomettaew l-atturi fin-nota responsiva taghhom, dak l-artikolu ma jezentax lill-Korporazzjoni milli tagixxi bhala *bonus paterfamilias*. Irrizulta ampjament pruvat li kien hemm skular ta’ ilma mill-‘mains’ ta’ l-ilma li ghalihom hi responsabbli l-istess Korporazzjoni u ma jirrizultax li hadet passi effettivi u tempestivi bizzejjed biex taghmel it-tiswijiet necessarji.

“Is-sottomissjoni l-ohra tal-Korporazzjoni li l-kampjuni ta’ l-ilma ezaminati fil-mori tal-kawza m’ghandhom l-ebda rilevanza hi assurda. Qabel il-kawza kien hemm skular ta’ l-ilma. Wara li giet intavolata l-kawza, sakemm ittiehdu l-passi rimedjali opportuni, baqa’ jiskula l-ilma. Il-fatt biss li waqaf jiskula l-ilma bix-xogholijiet li saru huwa

evidenza tar-responsabbiltà tal-Korporazzjoni (naturalment flimkien mad-Dipartiment tad-Drenagg).

“Dwar danni, il-Qorti tirreferi ghall-affidavits ta’ l-attur Nicholas Debono, ghar-rapport ta’ William Cassar Torreggiani, ghar-rapport a’ l-A.I.C. Albert Fenech, ghad-dokumenti ohra relattivi u ghan-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi tat-3 ta’ Frar 1999. Minn hawn jidher li d-danni pretizi mill-atturi (b’differenza biss ghat-tieni item li dwarha l-atturi talbu somma ta’ Lm1179 izda li minnha l-ammont ta’ Lm360 huwa kompriz fl-ewwel item u l-ammont ta’ Lm23 jikkonsisti fid-drittijiet ta’ l-imsemmi William Cassar Torreggiani) huma s-segwenti:

Ripristinazzjoni tal-garages 2, 4, 6, 7 u 8 u tindif ta’ zewgt ibjar …… Lm1356.92

Telf ta’ oggetti li kien hemm fil-garagijiet kif elenkati fir-rapport
ta’ William Cassar Torreggiani ……………………………………… 696.00

Spejjez ta’ rapport ta’ William Cassar Torreggiani …………………. 23.00

Spejjez ta’ tliet rapporti ta’ A.I.C. Albert Fenech …………………… 69.00

Telf ta’ kera tal-garages ………………………………………….. 970.00

Telf ta’ kera tal-fond ‘Francis’ ……………………………………… 360.00

Telf ta’ kera tal-fond ‘David’ …………………………………….. 140.00

Zgumbrament ta’ ghamara minn dawn iz-zewg fondi ……………… 300.00

Zgumbrament ta’ ghamara u bdil ta’ residenza ta’ l-atturi ghal post iehor 1500.00

Hsarat lil Waterline Restaurant ……………………………………… 235.00
----------------

Lm5649.92
----------------
“Il-Qorti hi tal-fehma li dawn id-danni huma gustifikati u qed jigu likwidati fl-imsemmija somma ta’ Lm5649.92 li ghalihom jridu jaghmlu tajjeb il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Dipartiment tad-Drenagg.

“Fil-fatt, ghalkemm ic-citazzjoni giet intavolata wkoll kontra l-Ministru ta’ l-Ambjent, huwa gie effettivament imharrek inutilment in virtù ta’ dak dispost mill-artikolu 181B tal-Kap 12.

“Inoltre, stante li jirrizulta mill-atti li x-xogholijiet necessarji saru, m’hemmx lok aktar li l-Qorti taghti l-provvedimenti relattivi f’dar-rigward.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru tal-Ambjent illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbu hekk:
“… li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq imsemmija tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili billi tirrevokaha fejn sabet lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma flimkien mad-Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru ta’ l-Ambjent responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi, u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponenti u tichad it-talbiet ta’ l-atturi fil-konfront ta’ l-istess esponenti, bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellati”;

Rat ir-risposta ta’ l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
“… li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha ssib dan l-appell irrizorju u vessatorju, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza ta’ [l-] Onorabbli Prim

Awla tal-Qorti Civili, tal-5 ta’ Lulju tal-2000, bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ dan l-appell, doppji, kontra l-appellanti”;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-appellanti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi ma jirrizultax illi huma ddikjaraw illi ghalqu l-provi taghhom u, ghalhekk, huma ghandhom jinghataw il-fakoltà illi jressqu provi ulterjuri;
2. Illi ghalkemm il-Korporazzjoni appellanti taqbel “mija fil-mija” ma’ l-ewwel Qorti met din qalet illi l-Artikolu 21 tal-Kap 355 - invokat mill-istess Korporazzjoni - ma jezantax lil din il-Korporazzjoni mill-obbligu illi tagixxi bhala *bonus paterfamilias*, l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata dwar ir-responsabbiltà taghha (tal-Korporazzjoni);
3. Illi, ghalkemm l-appellant Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru tal-Ambjent ma jistax jistrieh fuq xi artikolu simili ghall-Artikolu 21 tal-Kap 355, huwa, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… ircieva … certifikat tajjeb minghand il-Perit Takniku. Mix-xhieda prodotti jirrizulta … l-ammont ta’ stharrig li ghamel id-Dipartiment tad-Dranagg meta rcieva l-ilment ta’ l-atturi”;
4. L-ewwel Qorti, ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… naqset milli tiehu in konsiderazzjoni il-mod kif gew mibnijin il-fondi in kwistjoni, kif ukoll il-fatt tal-konfigurazzjoni tal-lokalità u tat-terren fejn huma mibnijin l-istess fondi, liema konfigurazzjoni taghmilhom suxxettibbli hafna ghall-inundazzjoni naturali”;
5. Illi l-appellanti m’ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-konvenut l-Onorevoli Dr. Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent illi gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk jirrizulta li tharrek hazin mill-atturi appellati;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tistax tiehu l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellanti bis-serjetà ghaliex, apparti konsiderazzjonijiet ohra, jirrizulta illi fl-udjenza ta' l-erbatax (14) ta' April, 2000 l-ewwel Qorti, fil-prezenza tad-difensur tal-Korporazzjoni konvenuta, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-sittax (16) ta' Gunju, 2000 u tat il-fakoltà lill-konvenuti illi jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet sa zmien tlett gimghat mill-14 ta' April, 2000; effettivament il-Korporazzjoni konvenuta pprezentat nota ta' osservazzjonijiet fit-tnax (12) ta' Mejju, 2000 u, la f'din in-nota u anqas b'xi mod iehor qabel ma gietx pronunzjata s-sentenza appellata ma lmentat illi kienet ghadha ma kkonkludietx il-provi taghha. L-istess jghodd ghall-konvenut appellant l-iehor b'dan illi dan anqas biss indenja ruhu jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) aggravji ta' l-appellanti jammontaw ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Huwa risaput illi Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul minn Qorti ta' l-ewwel grad sakemm ma jirrizultax illi hemm ragunijiet serji sabiex taghmel dan. Fil-kaz odjern, dina l-Qorti wara illi ezaminat l-atti kollha processwali, illi huma tant voluminuzi, kif ukoll l-apprezzament ta' dawn il-provi maghmul fis-sentenza appellata, ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba dan l-apprezzament u, konsegwentement, issib illi t-tieni u t-tielet aggravji ta' l-appellanti huma nfondati;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tifhimx kif l-appellanti setghu javanzaw ir-raba' (4) aggravju taghhom meta mill-provi prodotti ma jirrizultax illi fil-kaz in ezami sehhet xi "inundazzjoni naturali". *Se mai*, kien hemm inondazzjoni b'rizultat ta' l-operat tal-bniedem;

Illi, ghalhekk anqas ir-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti ma jista' jintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi l-hames (5) u l-ahhar aggravju tal-konvenuti appellanti huwa fondat. Infatti, la darba l-ewwel Qorti kkonkludiet korrettement illi l-atturi harrku lill-Onorevoli Ministru ta' l-Ambjent inutilment, l-ispejjes ta' l-ewwel istanza konnessi ma' dan il-konvenut messhom gew addebitati lill-atturi;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-atturi appellati illi l-appell odjern huwa wiehed frivolu u vessatorju u, ghalhekk, mhux il-kaz illi l-konvenuti appellanti jigu kundannati jhallsu spejjez doppji kif qed jippretendu l-istess appellanti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi, salv dak illi sejjer jinghad dwar il-kap ta' l-ispejjes ta' l-ewwel istanza, tichdu, u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-ispejjes ta' l-ewwel istanza konnessi mal-prezenza ta' l-Onorevoli Dottor Francis Zammit Dimech bhala Ministru ta' l-Ambjent fil-kawza jigu sopportati mill-atturi appellati.

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM-------------------------------